# Mill-Istorja tal-Każin... 60 Sena ilu

## *Ġieħ lill-Kappillan Dun Karm Lia*



Dun Karm Lia twieled Ħal Tarxien fis-17 ta' Lulju, 1903 minn Salvatore Lia u martu Annunzjata neè Abela. Studja fl-iskola tal-gvern, fis-Seminarju tal-Floriana u fis-Seminarju tal-Belt Victoria, Għawdex.

Ġie ordnat saċerdot fl-1927. Wara tliet snin jaħdem bħala viċi f'Ħal Tarxien, fl-24 ta' Marzu 1930 laħaq kappillan ta' Ħal Lija.

Dun Karm Lia baqa' magħruf ħafna għall-ħidma pastorali tiegħu u għall-ħeġġa li kellu biex iressaq lil kulħadd lejn Alla u għall-imħabba tiegħu lejn il-knisja parrokkjali. Kien hu li waqqaf d-diversi għaqdiet Kattoliċi fil-parroċċa tagħna, bħalma huma l-Leġjun ta' Marija, l-Azzjoni Kattolika u l-MUSEUM.

L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet l-organizzazzjoni tal-festi li saru biex ifakkru d-dsatax-il ċentinarju tat-Trasfigurazzjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, titular tal-parroċċa, f'Lulju u Awissu 1932.

Fost l-opri li saru fi żmienu fil-knisja parrokkjali, insemmu l-apparat irrakkmat bid-deheb għall-festa, it-twaqqif tal-mużew ta' oġġetti antiki, iz-zokklatura ta' l-irħam fil-knisja, il-vażuni u l-fjuretti tal-ganutell għall-knisja kollha, id-damask bil-gallun tad-deheb, il-pulptu tal-ġewż, il-fonti tal-magħmudija, is-sett ta' ħames qniepen u li ċċangar taz-zuntier tal-knisja. It-tkabbir u l-bini taċ-ċimiterju sar ukoll fi żmienu.

Il-Kappillan Lia spiċċa minn Ħal Lija fl-10 ta' Ottubru 1954, meta laħaq Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat, fejn miet ħames snin wara ta' 56 sena, fit-30 ta' Diċembru 1959.

Dun Karm Lia kien bniedem maħbub minn kulħadd, enerġetiku, ħabrieki u ħabb tassew lill-Parroċċa tas-Salvatur.